MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Numru. 478/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Manuel Abela**

Kumpilazzjoni Nru: 478/2011

Illum, 30 ta’ Mejju 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Manuel Abela bin Francis u Carmen nee Zammit imwieled Pieta fit-13 ta’ Dicembru 1979 u resideneti 64 Triq il-Knisja Xghajra detentur tal-karta ta’ identita b’numru 5980M.

Akkuzat talli fi zminijiet qabel it-8 ta’ Marzu 2011 f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibiegbhhom jew imexxihom, liema oggetti huma subwoover u amplifier tal-marka Ground Zereo u zewg speakers tal-marka Magnet.

Rat l-artikoli 261(c), 267, u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta’l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m’hi allarmanti; hadet in konsiderazzjoni ukoll tal-fatt li l-oggetti ricettati mill-imputat gew ritornati lil sidhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c), 267, u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------